MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-21 ta' Awwissu, 2014

Numru 5/2014

Il-Pulizija

(Spettur Herman Mula)

Vs

Nemeth Arpad

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-konfornt ta’ Nemeth Arpad talli:

F’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer fit-18 ta’ Gunju, 2013 u fil-jiem ta’ qabel din id-data:-

a) Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika f’dawn il-Gzejjer medicina (kokaina), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa,

organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni, sabiex tigi importata f'Malta d-droga kokaina u dan bi ksur tal-artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sbiex tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Prikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghal-importazzjoni jew ghal-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienetx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghanhom x'jaqsmu mal-hatra t' eseperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti Istruttorja tal-21 ta' Mejju, 2014, fejn l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara illi dik il-Qorti tgħatu żmien biex jikkunsidra il-posizzjoni tiegħu.

Rat id-diġriet ta' din l-istess Qorti, datat 21 ta' Mejju, 2014, fejn il-Qorti ai termini tal-artikolu 395B(4) appuntat il-kawża għas-smiegħ għal-10 ta' Lulju, 2014.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Gunju, 2014, fejn iddikjara illi ai termini tal-Artikolu 392B(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputazzjonijiet adebitati lill-imputati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u li għalihom ammetta l-imputat fis-seduta ta' nhar il-wiehed u għoxrin (21) ta' Mejju, tas-sena elfejn u erbatax (2014) għandhom jitqiesu bħala att ta' akkuża ai fini u effetti kollha tal-liġi.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Nemeth Arpad, pprezentat fit-18 ta' Awwissu, 2014, fejn qablu illi tenut kont tal-ammissjoni il-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-akkużati minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun il piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' tmein (8) smin, flimkien ma' multa ta' tlieta u ghoxrin elf Ewro (€23,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra tassattiva ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta' mobbli u mmobbli appartentnti lill-istess akkuzat.

Tiddikjara lil akkużat Nemeth Arpad ħati talli:

F'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Gunju, 2013 u fil-jiem ta' qabel din id-data:-

a) Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (kokaina), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni, sabiex tigi importata f'Malta d-droga kokaina u dan bi ksur tal-artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sbiex tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Prikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghal-importazzjoni jew ghal-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienetx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ikkunsidrat,

Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie iffurmat il-ġuri u li saret waqt il-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti tħoss li f' dan il-kaz partikolari għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula fit-18 ta' Awwissu, 2014.

Din il-Qorti ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regoli 4(a) u 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lil ħati Nemeth Arpad il-piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' tmien (8) snin, flimkien ma multa ta' tlieta u ghoxrin elf Ewro (€23,000). Kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' tmien mija u wiehed u ghoxrin ewro u sebgha u erbghin centezmu **(€821.47),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qorti u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-

Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta′ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta′ din il-Qorti b′nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------